# TFAL MALTIN

*Ta' C. CASSAR*

Blanzuni jarmu l-fwieħa
Qalb ħalura u ward tal-ġnien
F'għodwa safja u sabiħa
Bniet u subien.

Gidien mal-blat jittarfu
Fuq xfarijiet għoljin
Jixxabbtu bla jiġġarrfu
Tfal imqarbin.

Kwiekeb f'lejla sajfija
Fil-beraħ imferrxin
Bid-difa jżejnu d-dija
Tfal daħkanin.

Għasafar jgħannu fl-ajru
Miġbura ma' xulxin
Jew fost iz-zkuk jittajru
Tfal ferħanin.

Sħab żgħir ħafif jinġema'
U jdub wara ftit ħin
Mingħajr ma jgħatti s-sema,
Tfal imnikktin.

Ġilju bajdan bla tebgħa
Fost il-ħaxix ħażin
Jittawwal bla jinħeba
Tfal safjin.

Malta! dawn huma wliedek
Li jsiru rġiel mas-snin
Bis-sejf u tarka għal ġiehek
Tfal tal-Maltin.